MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2003

Numru 447/2002

**Artikoli 271, 281, 328 (d) tal-Kap 9**
**Artikoli 15 (1) (2) tal-Kap 65 u**
**Artikolu 3 tal-Kap 104**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**
**V**

**PHILIP ABELA sive GAUCI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PHILIP ABELA sive GAUCI** ta' sebgha w tletin sena bin missier mhux maghruf u Teresa Gauci nee Abela, imwieled Pieta nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 1966 u residenti 4, Triq il-Fortizza, Mosta u detentur tal-karta tal-identita numru 303466M, gie

mressaq quddiemha akkuzat talli f'Bugibba fit-tmintax ta' Mejju 2002:

a. Ikkommetta serq ta' karozza tal-ghamla Hillman bin-numru ta' registrazzjoni LAC 785 liema serq huwa kkwalifikat bil-ammont li ma jeccedix l-elf lira maltin u bix-xorta tal-haga misruqa u talli kkaguna hsarat involuntarji fl-istess vettura ghad-dannu ta' Manuel Tanti;

b. Talli fl-istess data, f'B'Kara waqt li kien isuq l-imsemmia vettura, b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni u/jew b'nuqqas ta' hila fis-sewqan, u/jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma truck tal-linga bin-numru ta' registrazzjoni FBY 743, ma vettura tal-ghamla Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni IBD 974 u ma vettura ohra tal-ghamla Fiat Bravo bin-numru ta' registrazzjoni JET 006 u kkaguna hsarat involuntarji fl-imsemmija vetturi ghad-dannu ta' John Mary Sammut, Francesca Mamo u Janna Mironova rispettivament;

c. Talli fl-istess data u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, saq l-istess vettura minghajr ma kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni u talli naqas li jieqaf meta kien involut fl-imsemmija incidenti tat-traffiku.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tiskwalifika lil imputat mill-licenzji kollha tas-sewqan tieghu ghal perjodu li jidhrilha xieraq.
Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni b’mod partikolari lil PS 614 Garcia, PC 370, Manuel Tanti, PS 1043, WPC 178, John Mary Sammut, Jonathan Camilleri u PS 455 Edward Sammut.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fl-atti fosthom l-istatement tal-imputat rilaxxjat nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Mejju 2002 esibit fl-atti bhala dokument JM a fol 16 tal-atti.

Rat wkoll l-kunsens tal-Avukat Generali datat hamsa ta' Gunju 2002 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura

sommarja markat bhala dokument CSH 2 a fol 12 tal-atti odjerni.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lil imputat jammetti l-akkuzi kif dedotta kontra tieghu u wara li wisset lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tas-sittax ta' Jannar, 2003 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk, rinfaccjata b’ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, il-Qorti hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif ammessi minnu.

Rat illi l-fedina penali tal-imputat esebita fl-atti mmarkata bhala dokument CSH 1 u minn ezami tal-istess jirrizulta l-karattru rifrettarju tal-imputat fejn diga` ghandu tmien konvinzjonijiet registrati fuqha fosthom akkuzi ta' serq, frodi, hebb fuq persuna, feriti ta' natura gravi u kontravenzjonijiet ohra kontra l-Ordinanza tat-Traffiku.

Illi l-imputat ma tghallimx jusufruwixxi ruhu mill-opportunitajiet moghtija lilu tant li llum rega' kiser dufrejh mal-ligi u jinstab quddiem din il-Qorti akkuzat b'reat ta' serq, hsara involuntarja u talli huwa recidiv.

Illi l-imputat diga nghata diversi cansijiet mill-Qorti tant illi gie ikkundannat ihallas diversi multi u sahansitra anke sentenza ta’ prigunerija sospiza kien inghata fis-sena 1991.

Illi l-Qorti innotat illi l-Prosekuzzjoni ma tatx l-akkuza ta’ recidiva lill-imputat u ghalhekk f’dawn ic-cirkostanzi il-piena karcerarja li sejra tinfliggi fuq l-imputat tista tigi sospiza.

Rat l-artikolu tal-ligi u cioe` 271, 281, 328 (d) tal-Kap 9 u l-artikoli 15 (1) (2) tal-Kap 65 u l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi fuq indikati, il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat PHILIP ABELA sive GAUCI hati tal-akkuzi kollha kif dedotta kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' ghaxar xhur sospizi ghall-erbgha snin.**

**Inoltre ai termini tal-artikolu 28G(1) il-Qorti qieghda b'zieda taghmel ordni ta' supervizjoni fejn qieghda tpoggi lill-hati ukoll taht is-supervizjoni ta' ufficjal sorveljanti ghall-perjodu ta' tlett snin liema officjal ghandu jigi nominat mid-Direttur tal-Probation Services.**

**Il-hati ghandu jibqa f'kuntatt mal-Ufficjal sorveljanti skond dawk l-istruzzjonijiet li jista minn zmien ghall-zmien jinghata u ghandu jirrispetthom fl-intier taghhom.**

**Oltre dan tikkundannah ihallas multa ta' mitejn u hamsin lira u tordna ai termini tal-artikolu 30 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tieghu ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum.**

**Il-Qorti fissret l-import ta' din is-sentenza lil imputat li ddikjara li fehem t-tifsira taghha.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------